## SECONDARY SCHOOL ANNUAL EXAMINATIONS 2002

Educational Assessment Unit - Education Division

| **FORM 3** | **Storja** | **Time: 1hr 30mins** |
|---|---|---|

Name ________________________ Class_____________

## A: Immarka t-tajbin:

1. Il-Belt Valletta nbniet mill-Kavallieri ta' San Ġwann (*qabel l-1530, fl-1530, wara l-1565*). Bosta bini tal-Belt għandu stil (*Barokk, Doriku, Korint*).
2. Il-Belt Valletta nbniet mill-Kavallieri (*ħdejn l-Imdina, fuq l-għolja xebb ir-Ras, ħdejn iċ-Ċittadella*) biex tipproteġi l-(*portijiet, Buskett, Mandraġġ*).
3. Meta fi żmien il-Kavallieri xi familja kienet issib ruħha fid-diffikultajiet, setgħet tfittex l-għajnuna (*tal-Kastellanija, ta' l-Oratorju, tal-Monte di Pieta`*).
4. Is-swar tal-Belt Valletta huma qawwija u sodi għax (*bnewhom il-Kavallieri, imħaffrin u maqtugħin fil-blat, qegħdin ħdejn il-baħar*).
5. Biex jipproteġu lix-xwieni tagħhom waqt xi attakk il-Kavallieri ppjanaw li jħaffru (*l-kanali, l-Mandraġġ, l-fosos*).
6. L-ewwel Knisja li bnew il-Kavallieri fil-Belt kienet dik (*ta' San Ġwann, tal-Vitorja, ta' Ġieżu*).
7. Il-Qorti tal-Kavallieri kienet tissejjaħ (*teatru, Infermeria, Kastellanija*).
8. Fil-Palazz tal-Granmastri nsibu (*arazzi, bizzilla, mħażen*) maħduma fil-Belġju fi żmien il-Granmastru Perellos. F'dan il-Palazz illum nistgħu mmorru naraw (*il-Knisja l-Kbira ta' l-Ordni, l-armerija, l-isptar ta' l-Ordni*).
9. L-Imdina ġiet restawrata fi żmien il-Granmastru (*L'Isle Adam, Wignacourt, De Vilhena*) fuq id-disinji tal-perit Franċiż (*Mondion, Valperga, Cassar*).
10. Permezz ta' (*kastell, pompa, akwedott*) il-Granmastru (*Wignacourt, Perellos, De Vilhena*) irnexxielu jwassal l-ilma sal-Belt Valletta.
11. Biex jinfurmaw lill-poplu b' regolament ġdid, il-Kavallieri kienu jużaw (*ir-radju, it-televixin, il-bandu*).

12. Biex tiġi mħarsa l-Fidi Nisranija fost il-Maltin u l-Kavallieri kien hawn (*id-Dejma, il-fortizzi, l-Inkwiżizzjoni*).

13. Fost il-karatteristiċi ta' raħal Malti nsibu (*l-misraħ u l-isqaqien, l-ground tal-futbol, l-iskyscrapers*).

14. (*Napuljun, M.A.Vassalli, Dun Mikiel Xerri*) tkeċċa mill-Franċiżi minn ġol Belt Valletta waqt l-imblokk.

15. Mexxej Ingliż li għen ħafna lill-Maltin waqt l-imblokk kontra l-Franċiżi kien (*Sir Alexander Ball, Sir Temi Żammit, Sir Luigi Preziosi*).

(marka għal kull risposta tajba: Total=20 marka)

## **B**: **Poġġi wara xulxin skond kif ġraw fl-istorja ta' Malta**:

(ikteb numru fil-kaxxi tal-lemin; l-ewwel waħda lesta)

| | |
|---|---|
| Napuljun ikeċċi lill-Kavallieri | |
| Wignacourt jibni l-akwedott | |
| Il-Kavallieri jibnu l-Belt Valletta | |
| Il-Kavallieri u l-Maltin jirbħu l-Assedju l-Kbir | 1 |
| Il-konfoffa ta' l-ilsiera | |
| L-Imblokk kontra l-Franċiżi | |

(5 marki)

## **C**: **Qabbel dawn li ġejjin**: (ikteb in-numri fil-kaxxi l-vojta; l-ewwel waħda lesta)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Ġlormu Cassar | Skultur | |
| 2 | Mattia Preti | Konfoffa ta' l-ilsiera | |
| 3 | Mazzuoli | Pittur | |
| 4 | Hompesch | l-aħħar Granmastru | |
| 5 | Wignacourt | Perit u inġinier | 1 |
| 6 | Pinto | akwedott | |

(5 marki)

## D: Ħares lejn il-mappa tal-Portijiet:




## Wieġeb:

1. Il-Port il-Kbir huwa mmarkat bl-ittra _________ filwaqt li l-Port ta' Marsamxett huwa mmarkat bl-ittra _________ . (2)

2. <u>Ikteb in-numri tal-mappa fil-kaxxi l-vojta biex tqabbel</u>:

| | |
|---|---|
| Forti Sant' Jiermu | |
| Forti Ricasoli | |
| Kastell Sant' Anġlu | |
| Fortizza Monoel | |
| Forti Tigne | |

(2 marki x 5 = 10 marki)

**E**: **<u>Aqra sew dan li ġej</u>**:



**IS-SWAR:** *bżonn ta' restawr u preservazzjoni*

Il-Kavallieri ta' San Ġwann bdew imexxu l-Gżejjer Maltin fl-1530. Il-Kavallieri damu hawn sa l-1798 meta tkeċċew minn Napuljun u l-Franċiżi. Kemm damu hawn Malta l-Kavallieri użaw il-ġid li kellhom biex jibnu bereġ, fortifikazzjonijiet, sptarijiet, palazzi, akwedott u knejjes mill-isbaħ. Dan il-bini li semmejna, illum nistgħu nsejħulu **WIRT** li ħallewlna l-Kavallieri. Forsi l-isbaħ rigal li tawna kienet il-Belt Valletta bil-bereġ, il-knejjes, il-Knisja Konventwali, il-Palazz u s-Sacra Infermeria (sptar).

Kull bini trid tieħu ħsiebu. Il-ġebel jitmermer. Bl-umdita`, il-ġebla titfarfar u tittiekel. Iż-żebgħa ta' fuq il-pittura biż-żmien titfi u l-pittura tikrieh. Allura dan il-WIRT jeħtieġ li nieħdu ħsiebu. Irridu **NIPPRESERVAWH**. Dan biex ta' warajna jkunu jistgħu jibqgħu jgawduh bħalma qed ingawduh aħna.

Biex nippreservaw dan il-wirt irridu nipproteġuh u niddefenduh. Irridu nipproteġuh mill-elementi, mix-xita, mir-riħ u r-raxx tal-baħar. Inqas ma nħallu karozzi jersqu lejn il-Belt Valletta u l-Imdina, iktar ingawdu fit-tul il-wirt li ħallewlna l-Kavallieri. It-tniġġis ta' l-arja jġib l- "*acid rain*" li tmermer il-ġebla Maltija f'qasir żmien. Jekk timxi b'xi takkuna rqiqa fuq il-paviment ta' l-irħam tal-Konkatidral ta' San Ġwann, tkun qed tagħmlilha ħsara kbira. Irridu nippreservaw u nibżgħu għall-art ta' l-irħam tal-Konkatidral.

Meta ġebla titmermer, din tkun trid tinqala' u tinbidel. Meta tirranġa u ssewwi tkun qed tagħmel **RESTAWR**. Meta tirrestawra pittura din tiġi qisha ġdida, kważi kif għamilha darba l-pittur.

Il-**preservazzjoni** u r-**restawr** iqumu u jiswew ħafna flus. Biex tibni ħajt mill-bidu, tonfoq ferm inqas flus milli biex tirrestawrah.

Ta' min jgħid li l-wirt li ħallewlna l-Kavallieri f' Malta, illum jiġbed lejn xtutna eluf ta' turisti kull sena. Ta' min jgħid ukoll li llum, bosta Maltin jaqilgħu x'jieklu billi jaħdmu direttament jew indirettament mat-turisti.

MISTOQSIJIET:

1. Kemm -il sena damu jmexxu lill-Gżejjer Maltin il-Kavallieri ta' San Ġwann?

   ____________________________________ (2)

2. SEMMI: (a) bini importanti li ħallewlna l-Kavallieri fil-Belt Valletta:

   ____________________________________ (2)

   (a) bini importanti li ħallewlna l-Kavallieri barra l-Belt Valletta:

   ____________________________________ (2)

3. Agħti l-isem ta' :

   (a) il-perit li ppjana s-swar tal-Belt Valletta: ________________________ (2)

   (b) il-perit li ppjana l-Palazz tal-Granmastri: ________________________ (2)

4. Agħti kelma waħda flok: *palazz li fih kienu jgħixu l-Kavallieri ta' xi waħda mil-lingwi*:

   ____________________________________ (2)

5. Semmi żewġ modi kif bi traskuraġni tista' tagħmel ħsara lill-wirt li ħallewlna l-Kavallieri:

   (a) ______________________________________________________ (2)

   (b) ______________________________________________________ (2)

6. Nistgħu nibżgħu għall-wirt li ħallewlna l-Kavallieri billi:
(immarka t-tajbin billi tagħmel **x** fil-kaxxi l-vojta)

| | | |
|---|---|---|
| (a) | nedukaw lill-istudenti tagħna dwar il-preservazzjoni tal-monumenti storiċi li għandna | |
| (b) | nieklu tajjeb | |
| (ċ) | innaqqsu n-numru ta' karozzi li jidħlu l-Belt | |
| (d) | navżaw lit-turisti biex ma jagħmlux ħsara meta jżuru l-postijiet storiċi | |
| (e) | Nieħdu ħafna ritratti | |
| (f) | niftħu iktar skejjel fejn l-istudenti jitgħallmu s-sengħa tar-restawr | |

(4 marki)

7. Għaliex taħseb li biex tirrestawra ħajt storiku tonfoq iktar flus milli kieku kellek tibni ħajt mill-bidu?
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________ (5)

Total = 25 marka

## F: WIEGEB dawn il-mistoqsijiet:

1. Minn liema belt kienet titmexxa Malta:
(a) qabel ġew il-Kavallieri ______________________
(b) bejn l-1530 u l-1571 ______________________
(c) wara l-1571 ______________________ (3)

2. Semmi fdal importanti tal-Kavallieri fil-Birgu: ______________ (1)

3. Semmi żewġ regolamenti maħruġa mill-Kavallieri biex jirregolaw il-bini tal-Belt Valletta:
(a) ______________________________________
(b) ______________________________________ (2)

4. Semmi fortifikazzjoni li nbniet f' Għawdex fi żmien il-Kavallieri (issemmix iċ-Ċittadella). ________________________________________ (2)

5. Semmi ġrajja li fis-Seklu XXVIII (18) uriet li l-Ordni kien mar lura ħafna.

_______________________________________________________ (2)

(Total = 10 marki)

## G: <u>Il-Knisja Konventwali ta' San Ġwann</u>:



Fis-silta li hemm paġna 4 qrajt dwar il-paviment (l-art) ta' l-irħam li hemm fil-Konkatidral ta' San Ġwann.

### <u>Wieġeb dawn il-mistoqsijiet</u>:

1. Kif nistgħu nibżgħu għal dan il-paviment? Semmi mill-inqas mod wieħed kif nistgħu nagħmlu dan.

_______________________________________________________ (2)

2. Min għamel il-pjanti ta' din il-Knisja? ____________________ (2)

### <u>Aqta' sing taħt ir-risposta t-tajba</u>.

3. Illum din il-Knisja maestuża u sabiħa nsejħulha l-Konkatidral għaliex il-Katidral tad-Djoċesi Maltija qiegħed l-Imdina. Fi żmien il-Kavallieri, din il-Knisja ta' San Ġwann kienet (Katidral, Il-Knisja Konventwali, il-kappella l-kbira). (1)

4. Is-saqaf tal-Konkatidral ta' San Ġwann ġie mpitter minn
(Napuljun, Mattia Preti, La Valette) (1)

5. Fl-Oratorju ta' maġenb il-Knisja hemm il-pittura sabiħa (tal-Magħmudija ta' San Ġwann, tat-twelid ta' Ġesu, tal-qtugħ ir-ras ta' San Ġwann). (1)

6. Din il-pittura li għadna kif semmejna f'Numru 5 tpenġiet minn (Caravaggio, Paladini, Rosario) (1)

(Total = 8 marki)

**H**: <u>**AGĦŻEL WIEĦED u ikteb dwaru**</u>: (15-il marka)

1. Ikteb dwar <u>**l-Ordni ta' San Ġwann bħala qawwa fuq il-baħar**</u>. Tista' ssemmi l-importanza tal-flotta, l-impiegi u x-xogħlijiet li kellhom x' jaqsmu mal-flotta.

2. L-<u>**Irvell tal-Qassisin**</u>: ikteb dwar l-iskuntentizzi li kien hawn f ' Malta biex wasslu lill-qassisin biex jirvellaw. Għid kif il-Kavallieri mxew mal-qassisin li rvellaw.

3. Ikteb dwar <u>**post storiku ta' żmien il-Kavallieri**</u> li inti żort ma' l-għalliem/a jew il-ġenituri tiegħek. Ikteb dwar iż-żjara, x' rajt, x' tgħallimt u kif nistgħu nibżgħu għalih aħjar.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________